MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Numru. 161/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Abdilla**

**VS**

**Martin Cachia, iben Michael u Josphine nee' Aquilina, imwieled tal-Pieta' nhar id-29.03.1959, residenti fil-fond numru 238, Casa Martina, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita' numru 235859M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Martin Cachia** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-31 ta' Jannar, 2004, f'dawn il-Gzejjer, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm

ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe' 791CDs Playstation games u DVDs, u dan bi ksur tal-Artikolu 298(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, ghall-qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa jew immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra, u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha, u dan bi ksur tal-Artikolu 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli b'hekk sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Gie ezebit ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali, ghal liema l-imputat irregistra li ma kellu ebda oggezzjoni.

Rat ukoll illi l-Ufficjal Prosekutur ezebixxa l-istqarrija tal-imputat, Dok MC1 u l-kwerela Dok MC2.

Gew ezebiti wkoll Dok MC3 – 198 DVD; 19-il Playstation u 48 music DVDs u 526 CDs. F'dan ir-rigward id-Difiza ddikkjarat li kienu qed jaccettaw li l-oggetti hawn imsemmija Dok MC3 gew elevati fit-tfittxija li saret fil-31 ta' Jannar, 2004. F'dan ir-rigward l-Ispettur Ian Joseph Abdilla xehed dwar din it-tfittxija, u dwar l-ircevuta rilaxxata fir-rigward tal-istess oggetti maqbuda u misjuba ghand l-imputat, Dok MC2.

Xehed Dr Patrick Galea dwar il-kwerela ezebita redatta minnu, kif ukoll il-kwereli fil-konfront ta' Warner Brothers Dok PG; Paramount Pictures Dok PG1; Orion Pictures Dok PG2; Metro-Goldwyn-Mayer Studios Inc Dok PG3;

New Line Production Inc Dok PG4; Disney Enterprises Inc Dok PG5; Tristar Pictures Inc Dok PG6; Columbia Pictures Industries Inc Dok PG7; Universal City Studios LLP Dok PG8 – dawn ezebihom animo ritirandi.

Xehed ukoll Dr Martin Bajada li pprezenta r-relazzjoni tieghu Dok MB, fejn fl-istess ikkonkluda li d-diskettes kienu kollha non-compliant (folio 101).

Semghet ix-xhieda tal-pulizija li ghamlu d-debita tfittxija. Xehed PC 494 Gordon Borg li qal illi flimkien ma' pulizija ohra mar fir-residenza ta' Martin Cachia, cioe' Triq William Harding, Pembroke – per parentesi dak il-fond li hu stqarr li joqghod fih fl-interrogatorju. Wara tftittxija gew minn hemm elevati s-CDs, Playstations u music CDs, li gew ezebiti mill-Ispettur Ian Abdilla. Sabu anke go vettura registrata fuq l-imputat, Honda bin-numru tar-registrazzjoni CBL043, fil-bagoll ta' wara, numru ta' music CDs. L-istess xehdu PC 1116 Timothy Zammut u PC 460 Antoine Briffa.

Ikkunsidrat, anke wara li semghet it-trattazzjonijiet, tal-abbli partijiet.

Id-Difiza minn naha taghha sostniet u sahhet fuq tliet punti. Fl-ewwel lok tghid id-Difiza li l-kwerela ta' Dr Patrick Galea hija kwerela tal-parte leza li m'ghandhix locus standi f'din il-kawza, u dan biex jigi sodisfatt allura l-Artikolu 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Certament, proceduri taht dan l-Artikolu jistghu biss jinbdew bil-kwerela tal-parte leza. Issa l-parte leza f'dan il-kaz tista' tkun biss il-prodotturi tal-films, muzika, jew Playstation, li taghhom u f'isimhom Dr Patrick Galea pprezenta t-talba ghal procediment u tela' jixhed appozitament. Anke pprezenta kopji tal-prokuri wara li l-original tal-istess gew prezentati lill-Qorti animo ritirandi, u bil-permess taghha rtirati.

Frankament allura din il-Qorti, ma tistax tifhem din is-sottomissjoni tad-Difiza.

L-Artikolu in ezami pero jitlob illi Cachia stampa, immanifattura, idduplika, jew b’mod iehor ikkopja, biegh jew qassam l-oggetti mertu tal-akkuzi – dan per se ma giex pruvat, u konsegwentement fuq tali punt din il-Qorti qieghda tiliberah mill-effetti tal-Artikolu 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-konfront tal-ewwel imputazzjoni, dak mahsub taht l-Artikolu 298(1)(f), id-Difiza ssottomettiet illi nonostante x-xhieda tal-pulizija kif riprodotta, cioe’ ghand min instabu s-CDs u d-DVDs u Playstations, sahhet fuq il-fatt illi fid-dar ta’ Cachia jghix anke ibnu Gilmore Cachia, li skont id-Difiza huwa wkoll notorju mat-Taqsima tal-Frodi. Targumenta d-Difiza li allura minhabba f’hekk, il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-oggetti misjuba kienu biss jew unikament tal-imputat, ad eskluzjoni ta’ ibnu; jew min minnhom kellu z-zamma ta’ dawn. Stiednet allura lill-Qorti tiehu anke judicial notice ta’ dan il-fatt ukoll. Frankament ma’ dan il-Qorti ma taqbilx, in kwantu certament gie ppruvat illi l-oggeti misjuba kienu fiz-zamma u pussess ta’ Martin Cachia, stante anke li r-residenza hija - kif minn dikjarat, tieghu.

Tkompli d-Difiza, illi l-espert Dr Martin Bajada, ghalkemm ikkonkluda li l-oggetti maqbuda kienu non-compliant, pero ma kkonkludix jekk dawn kinux kif trid il-Ligi, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebbhin b’qerq. Hawn il-Qorti wkoll ma taqbilx mad-Difiza, ghax jekk tara l-ezebiti ad occhio, tinduna li dawn fil-fatt gew riprodotti b’qerq, b’isem, stampi u emblemi. Jirrizulta dan ukoll “for ease of reference”, mill-istess relazzjoni Dok MB, meta l-espert elenka l-istess (folio 106 – 123). Anke hawn allura, il-Qorti ma taqbilx ma’ dak sottomess mid-Difiza.

Il-Qorti allura qieghda ssib htija ai termini tal-Artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li pero, nonostante t-tul li hadet din il-kawza biex il-Prosekuzzjoni tressaq il-provi taghha, li ma ngabet ebda prova ta’ recidiva, u wisq anqas il-fedina penali.

Konsegwentement ta’ hekk, din il-Qorti qieghda tikkundanna lil Martin Cachia ghal piena karcerarja ta’ sena(1) sospiza ghal sentejn(2), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna d-distruzzjoni tal-oggetti kollha ezebiti.

Tikkundannah ukoll biex fi zmien gimgha mill-lum, ihallas l-ispejjez peritali ta’ Lm283.79 ekwivalenti ghal €661.09, u dan wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------